

Sentenza tal-Qorti Ġenerali 10 ta' Frar 2015 – IOIP Holdings vs UASI (GLISTEN)(Kawża T-648/13) ⁽¹⁾**(“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja verbali GLISTEN — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(ċ) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)**

(2015/C 096/22)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: IOIP Holdings LLC (Fort Wayne, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: H. Dhondt u S. Kinart, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: D. Walicka, aġent)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tal-11 ta' Settembru 2013 (Każ R 1028/2013-2), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjali verbali GLISTEN bħala trade mark Komunitarja.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) IOIP Holdings LLC hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 61, 1.3.2014.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Frar 2015 – BQ vs Il-Qorti tal-Awdituri(Kawża T-7/14 P) ⁽¹⁾**(“Appell — Servizz pubbliku — Uffiċjali — Rapport ta' evalwazzjoni — Fastidju psikoloġiku — Rifjut parzjali tar-rikors għad-danni fl-ewwel istanza — Żnaturament tal-fatti — Obbligu ta' motivazzjoni mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku — Proporzjonalità — Tqassim tal-ispejjeż”)**

(2015/C 096/23)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellanti: BQ (Bereldange, il-Lussemburgu) (rappreżentanti: D. de Abreu Caldas, J.-N. Louis u M. de Abreu Caldas, avukati)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Qorti tal-Awdituri tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment minn T. Kennedy, B. Schäfer u I. Ni Riagáin Düro, sussegwentement B. Schäfer u I. Ni Riagáin Düro, aġenti)

Suġġett

Appell ippreżentat kontra s-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tielet Awla) tat-23 ta' Ottubru 2013, BQ vs Il-Qorti tal-Awdituri (F-39/12, ĠabraSP, EU:F:2013:158), u intiż għall-annullament ta' din is-sentenza